# "LIKE WITH LIKE"

## U COMMITMENT

Robert Musumeci





# **Bijo**grafija

Dr Robert Musumeci kiseb PhD fil-liġi mill-Universita ta' Malta wara li, fl-2016, huwa rebaħ il-'*Best Doctor of Laws Thesis Award 2016'* għall- publikazzjoni *'The Development Planning Act 2016 - A critical Appraisal'*. Dr Musumeci kiseb ukoll *Master of Science in Conservation Technology for Masonry Buildings* lura fl-2004 mill- istess Universita' ta' Malta wara li ggradwa bħala perit fis-sena 1997. Dr Musumeci serva bħala ċermen tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal- Bini (*BICC*) bejn is-snin 1998 u 2008. Eventwalment huwa serva bħala konsulent tal-gvern Malti fejn kien strumentali fir-riformi wara d-*demerger* tal- Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar, it-twaqqif ta' l- Awtorita' ta' l- Artijiet, l-emendi kostituzzjonali li jippermettu siġġijiet addizzjonali għas-sess sotto-rappreżentat l-introduzzjoni ta' liġi ġdida li tirregola l-aġenti tal-proprjeta' immobli kif ukoll il-liġi li waqqfet l-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni. Dr Musumeci huwa l-awtur tal-ktieb '*Selected Principles of Maltese Planning Law.'* (Kite 2021) Dr Musumeci huwa *senior lecturer* fi ħdan il-Fakulta' tal-Liġi fl-Universita' ta' Malta u jgħallem il-liġi tal-ippjanar u l-liġi amministrattiva. Dr Musumeci huwa l-ewwel detentur ta' *warrant* biex jipparattika bħala avukat u *warrant* biex jipprattika bħala perit.

Il-kwistjoni ta' permessi simili maħruġa f'żoni oħra u l-effett tal-element tal-*commitment* fil- qies ta' dak li jipprovdi l-**Artikolu 72(2)** tal-**Kap 552** huma ħwejjeġ differenti.

L-utilita' ta' l-ewwel presuppost hija dwar kif *policy* għandha tiġi nterpretata u applikata meta l-fattizzi aċċertati jkunu simili f'siti muniti bl-istess *policies.*

It-tieni presuppost huwa msejjes fuq il- fatt dwar jekk jeżistix *commitment* viċinanti bil-permess, f'liema każ dan jista' jinċidi fuq l-eżitu tad-determinazzjoni ta' applikazzjoni kif dettat mill-**Artikolu 72(2)**.

Huwa konċess li permess ma jistax jinħareġ sempliċiment fuq il- preċett ta' preċedent. *Detto cio*, minkejja li fis-sistema legali Maltija ma nħaddnux il-prinċipju tal-preċedent, jibqa' b'danakollu il-prinċipju sagrosant li *argumentum simili valet in lege*. *In poche parole,* sakemm ma jinstabx li d-deċiżjonijiet passati ta' l-Awtorita' kienu proċeduralment skorretti jew irraġjonevoli fiċ-ċirkostanzi, l-istess Awtorita' ma tistax tivvinta massimi li jmorru kontra l-prinċipju li d-diskrezzjoni ma tippermettix distinzjoni bejn talbiet simili, jekk tali distinzjoni ma teżistix fil-liġi. Kif b'mod mirqum ġie mtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Portelli pro et noe et vs Estelle Azzopardi**[1]:

> *'F'sitwazzjonijiet fejn il-fatturi determinanti jixxiebħu jew huma identiċi, id-deċiżjoni għandha tkun l-istess, mhux għax qorti hija marbuta b'dak li tgħid qorti oħra iżda għax lill-istess mistoqsija għandha tingħata l-istess tweġiba'*

Hekk per eżempju, l-Awtorita' ma tistax tinqeda b'konsulent estern bħala paraventu biex tiġġustifika l-pożizzjoni tagħha meta jidhrilha, w imbagħad, f'ċirkostanzi b'fattizzi simili ġo żoni muniti bl-istess *policies*, din tiskarta dak li jgħidilha dak l-istess konsulent estern.

---

[1] Ara sentenza fl-ismijiet **Emanuel Portelli pro et noe et vs Estelle Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Ottubru, 2014

Min ipoġġi fuq l-organi deċiżjonali, pero', għandu dejjem jifhem id-differenza bejn il- *commitment* viċinanti b'permess validu li, minnu nnifsu, għandu biss valur fid-determinazzjoni ta' applikazzjoni ta' żvilupp (peress li l-*commitment* viċinanti jilgħab irwol fid-determinazzjoni ta' applikazzjoni) u, min-naħa oħra, l-evalwazzjoni ta' kif gew trattati applikazzjonijiet b'fattizzi simili f'żoni oħra muniti bl-istess *policies*.

Infatti, dan kollu huwa illustrat fis-sentenza **Cristinu Cassar vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**[2] li tagħraf tajjeb din id-differenza bil-mod kif isegwi:

> *'Dan l-aggravju wkoll jisthoqqlu jigi milqugh billi l-kwistjonijet ta' commitment kif mressqa mill-appellant ma gietx trattata mit-Tribunal. It-Tribunal illimita ruhu biss li jghid li ma hemmx stables ohra b'permess validu fil-vicinanzi. Dan ma kienx l-aggravju tal-appellant izda li premessi simili nghataw f'zoni ohra u din l-applikazzjoni kellha tigi trattata bl-istess mod. Dan hu dak li kellu jigi indirizzat mit-Tribunal u cioe jekk dan l-argument kienx wiehed validu jew le u r-ragunijiet ghaliex dan l-aggravju kellu jigi michud. Id-decizjoni trid tikkunsidra l-aggravji mressaqa u mhux tahrab minnhom jew tinjorahom. It-Tribunal f'dan l-aggravju wkoll naqas li jiddilibera fuq il-lanjanzi tal-appellant, liema lanjanzi kienu jikkostitwixxu punti ta' ligi li setghu, jekk fondati, ibiddlu d-decizjoni tal-Awtorita. Dan l-aggravju bhal ta' qablu ma kienx wiehed superficjali jew periferali ghal kwistjoni izda materjalment rilevanti. Ghalhekk it-Tribunal naqas mill-obbligu li jaghti risposta cara ghall-aggravju bhall-ohrajn mertu ta' dan l-appell u kwindi d-decizjoni ma ghandhiex fundament sod fil-ligi.'*

Il-qofol ta' dan li qed ngħid huwa li jekk l-Awtorita' tkun użat id-diskrezzjoni tagħha b'mod li wasslitha biex adoperat ċertu nterpretazzjoni tat-test tal-*policy* f'każijiet b'fattizzi simili ġo siti muniti bl-istess *policies*, ma tistax imbagħad, aktar 'il quddiem, l-istess Awtorita' toħloq distinzjoni fl-għoti ta' permess billi tadopera nterpretazzjoni differenti. Il-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid tidher li qed issir *siccome* l-inkonsistenza, għandha bħala konsegwenza l-kontestazzjoni ġustifikata, id-diskriminazzjoni, l-inugwaljanza u, mill-aspett soġġettiv tal-applikant, l-inġustizzja.

[2] Ara sentenza fl-ismijiet **Cristinu Cassar vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Mejju, 2014 (**Ap77/2013**)



ROBERT MUSUMECI
avukat - perit

www.robertmusumeci.com